MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 31/2006

Farrugia Joseph

vs

Meilak Maria

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ seba’ mitt lira (Lm700) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta fuq prezz ta’ bejgh ta’ karozza Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni FBJ 654 kif jirrizulta mill-ftehim tal-bejgh ta’ l-istess vettura, li kopja tieghu jinsab anness bhala Dok A ma’ l-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Mejju elfejn u hamsa (2005).

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talba ta’ l-attur m’ghandiex tigi milqugha stante li l-konvenuta qed tinsisti li jkun hemm riduzzjoni fil-prezz miftiehem fuq il-vettura mixtrija minnha minghand l-attur u dan peress illi

din kellha s-sistema ta’ l-ignition u c-cavetta difettuza, l-air condition ma kienx jahdem sew u il-karozza kienet re-sprayed meta l-attur kien iggarentixxa li din kienet bl-ispray originali.

Semgha x-xhieda ta’ l-attur.

Ra li l-konvenuta naqset milli tidher jew li tipprezenta x-xhieda taghha.

Ra li ma gie ippresentat ebda rikors li bih intalab li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti qed jirrizulta li permezz ta’ ftehim redatt fit-23 ta’ April 2005, l-attur biegh lill-konvenuta vettura Fiat Punto FBJ 654 versu l-prezz ta’ tlett elef u tlett mitt lira (Lm3,300), li minnu hija halset elfejn u hames mija (Lm 2,500) dakinhar tal-ftehim. Il-bilanc akkont ta’ tmin mija (Lm 800) kellu jithallas permezz ta’ rati ta’ mitt lira (Lm 100) fix-xahar. Jirrizulta pruvat illi hija hallset rata wahda u ma halsitx il-bilanc ta’ seba’ mitt lira (Lm 700) li huwa propju l-ammont mitlub f’din il-kawza.

L-attur jichad li kien hemm id-difetti allegati mill-konvenuta fir-risposta taghha u f’kull kaz jirrizulta pruvat ukoll illi l-vettura ghadha tinsab ghand il-konvenuta, u li dina ma gietx depozitata l-Qorti jew ritornata lill-attur.Certament ma tistghax tezercita l-azzjoni redibitorja – apparti l-fatt li din trid ssir permezz ta kawza ad hoc u m’hux in via di eccezzjoni.

Jidher li fir-risposta taghha l-konvenuta qed tezercita d-difiza aestimatorja u tippretendi li izzomm l-oggett u titlob riduzzjoni fil-prezz. Naturalment biex din l-eccezzjoni tirnexxi l-konvenuta jinhtiegilha iggib provi sufficjenti fuq id-difett in kwistjoni – haga li ma rnexxilhiex taghamel..

Konsegwentament l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt.

Ghaldaqstant it-talba attrici tisthoq li tigi milqugha u konsegwetament it-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mitt lira (Lm 700), bl-ispejjez tal-kawza. L-interessi, stante li dan huwa kaz ta’ debitu civili, jibdew jiddekorru minn dakinhar tan-notifika ta’ l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------